# Innu tal-Banda 'Sant' Andrija'
# Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fost il-ħafna baned li qed jiċċelebraw il-150 anniversarju mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi hija l-Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' ta' Ħal Luqa. Fis-17 ta' Marzu li għadda ġejt mistieden biex nattendi għal serata mużikali fis-sede tal-Każin li, matulha tnediet CD ġdida ta' marċi funebri mill-pinna tiegħu. Ta' min jgħid li, fit-tmien snin li hu serva bħala surmast-direttur ta' din il-Banda Luqija, Mro. Miruzzi ħallielha repertorju ġmielu ta' xogħlijiet mużikali fosthom, l-Innu tal-Banda. Huwa proprju għalhekk li, jiena għażilt li nikteb l-artiklu tiegħi dwar dan l-innu. B'hekk, jien ukoll inkun qed ningħaqad mal-bqija tas-soċjetajiet mużikali Maltin l-oħrajn kollha f'din iċ-ċelebrazzjoni tant mistħoqqa biex tfakkar għeluq sninu. Mro. Miruzzi kien wieħed mill-kompożituri l-aktar prolifiċi li qatt rat Malta fil-qasam bandistiku bejn l-aħħar deċennju tas-seklu dsatax u l-bidu tas-snin tletin tas-seklu li għadda. Minn hawnhekk nixtieq inrodd ħajr lil Bernard Cutajar, l-arkivista tal-Banda 'Sant' Andrija' tat-tagħrif li għoġbu jgħaddili biex stajt ninseġ dan l-artiklu.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Mro. Robert Samut, Innu Malti, Innu tal-Banda 'Sant' Andrija', University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Profil: **Mro. Antonio Miruzzi** twieled il-Furjana fl-10 t'Ottubru 1867 minn Ġużeppi u Mikelina, imwielda Brincat. Tgħallem il-mużika mingħand Mro. Pawlu Miruzzi. Mal-mewt ta' zijuh, iż-żagħżugħ Antonio laħaq Surmast tal-banda Għawdxija 'Leone', u ftit wara, tal-banda 'Nicolò Isouard' tal-Mosta. F'karriera mill-aqwa u brillanti bħala surmast-direttur, għalliem tal-allievi u kompożitur, Miruzzi mexxa wkoll baned u entitajiet mużikali oħra fosthom, 'La Valette' (Valletta), 'I Cavalieri di Malta' (Sliema), 'La Vincitrice' (Isla), 'San Piju X' (Ħal Lija), Sant' Andrea' (Ħal-Luqa), 'San Ġużepp' (Ħamrun), kif ukoll, il-Banda 'Beland' (Żejtun). Baned oħrajn li hu mexxa kienu s-soċjetajiet filarmoniċi ta' 'Sta. Marija' (Mosta) u 'San Ġorġ' (Bormla), il-banda tal-Orfni tal-Belt, kif ukoll l-Orkestra Mandolinistika 'La Valette' fi ħdan il-Banda li ġġib l-istess isem. Għal xi żmien ukoll, hu kien jidderieġi l-*(Filarmonica) Melitensis La Valette* li kien waqqaf huwa stess fuq talba tal-Maltin ta' Tuneż. Mhux l-ewwel darba li, din l-banda kienet tkun mistiedna biex tinżel iddoqq ġewwa Malta.




Għad li, Mro. Miruzzi kellu karattru dħuli u manjieri senjorili, kien surmast tal-akbar dixxiplina meta niġu għall-provi u/jew l-esekuzzjonijiet. Madankollu, il-bandisti kienu xorta waħda jammirawh ħafna għall-mod ta' kif kien jgħallem, għad-direzzjoni impekkabbli tiegħu, u għall-għadd bla qies ta' xogħlijiet li kiteb għall-banda fosthom, fantasiji, sinfoniji, melodiji, innijiet kbar u żgħar, u ħafna valzi, polki, mażurki, gavotti u marċi brijużi u funebri.

Mro. Miruzzi kien miżżewweġ lil Konċetta, imwielda Cauchi, u minnha, nifhmu li kellu tifel u żewġt ibniet. Miet fil-Ħamrun nhar it-23 t'Ottubru 1944 u sarlu funeral kbir li fih attendew rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali li lkoll ġew biex jagħtuh l-aħħar tislima.

L-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija':







Il-versi: Ma nafux min huwa l-awtur oriġinali tal-versi tal-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija'. Dan peress li, il-partitura ta' meta nkiteb l-Innu ma teżistix.[1] U jekk dejjem kien hemm xi versi dawn aktarx li kienu bit-Taljan għax hekk kienet moda dak iż-żmien. Xi kittieba, poeti, prożaturi u ġurnalisti tas-snin bejn iż-żewġ gwerer dinjija kienu iħobbu jesprimu ruħhom b'ilsna barranin (Ingliż u/jew Taljan) daqskemm bil-Malti. Fost dawn it-talin insemmu, per eżempju, lil Antonio (Ninu) Dalli[2], li kien ta' mpar Mro. Antonio Miruzzi, u l-awtur tal-versi bit-Taljan tal-Innu Solenni 'San Gejtanu' (1901).[3] L-Innu Solenni l-ieħor ta' Mro. Miruzzi ddedikat lil 'Ġesù Salvatur' għall-banda Lijana wkoll xi darba kellu versi oriġinali bit-Taljan.[4] L-istess jista' jingħad għall-Innu Solenni li kkompona għall-banda Mostija, 'Alla Beata Maria Vergine'.

S'issa jidher li, lanqas l-awtur tal-versi bil-Malti tal-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija' għadna ma nafu min hu. Bħalma ġara fil-każ tal-Innu Malti[5], il-versi kellhom jintisġu ħafna u ħafna snin wara li kien ilu jindaqq minn din il-Banda. Ma nafux lanqas jekk kienx jitkanta bit-Taljan qabel ma l-versi nqelbu għall-Malti. Intant, l-Innu tal-Banda fih biss tliet strofi minħabba li hu qasir u bla repliki ta' xejn. Peress ukoll li, l-ewwel u t-tielet strofa huma mibnijin fuq l-istess melodija, dawn għandhom l-istess kliem minbarra t-tielet vers. M'għandniex xi ngħidu li, il-versi huma indirizzati lill-Banda Luqija li ġġib l-istess isem tal-Qaddis li jiġi ċċelebrat f'dan ir-raħal qadim. Għas-sodifazzjon tal-qarrej, hawn taħt qed inġib il-versi tal-Innu tal-Banda kif tisimgħuh jitkanta fil-ġranet tal-festa:

---

[1] Il-mużika tal-Innu ttieħdet minn fuq kopertini qodma li ma nistgħux ngħidu fiż-żgur jekk imorrux lura sa żmien meta Mro. Miruzzi kien iħabbat mal-banda Luqija.

[2] Twieled fl-1864. Studja fis-Seminarju tal-Isqof (Mdina/Furjana). Għex u miet f'Tas-Sliema. 'Kien bniedem irrispettat ħafna għas-serjetà u t-tjubija nisranija tiegħu.' Kien editur ta' diversi ġurnali u pubblikazzjonijiet bl-ilsien Malti u Taljan għax kien jemmen li, 'il-ġurnaliżmu kien l-aqwa arma biex jgħallem, ifiehem u jikkumbatti għall-jeddijiet kostituzzjonali tal-Maltin.' Bħala politiku, Ninu kien oratur mill-aqwa tant li, kien dejjem jiġi elett fil-Kunsill mit-tielet distrett elettorali mill-1898 'il quddiem (Furjana/Ħamrun). Wara li Malta kienet ingħatat is-*Self-Government* fl-1921, huwa kiseb siġġu fl-Assemblea Leġiżlattiva f'isem il-partit tal-UMP (Panzavecchia) u laħaq ministru tax-xogħlijiet pubbliċi (1921-3) u ministru tal-agrikoltura u s-sajd (1923). Kien elett ukoll f'isem il-PN (Mizzi) fl-1924 u 1927, u f'isem l-istess partit fl-1932. Il-proża u l-poeżiji tiegħu kienu jkunu aktarx dejjem ispirati mit-twemmin qawwi reliġjuż li kien iħaddan, jew mill-imħabba tiegħu lejn l-istorja, jonkella mill-konvinzjoni profonda tiegħu tal-kultura Latina u Ewropea ta' ġensu, u s-sentimenti patrijottiċi tiegħu.

[3] Il-versi bit-Taljan ta' dan l-Innu Solenni m'għadhomx jeżistu. Sa qabel il-Gwerra, dan l-innu kien għadu jitkanta bit-Taljan. Dun Frans Camilleri kien qelbu għall-Malti fl-1945.

[4] Il-versi ta' dan l-Innu wkoll huma bil-Malti. Kien Monsinjur Ġużepp Xerri (traduttur ta' bosta xogħlijiet ta' xeħta sagra) li qelibhom mit-Tajan għall-Malti.

[5] Skont Ġużè Cardona fl-artiklu tiegħu 'Diwi ta' l-Innu Malti ...': 'L-Innu Malti sar bil-maqlub ta' kif isiru ħafna innijiet oħra ... għax normalment l-ewwel isiru l-versi u wara ssir il-mużika.'

| | | |
|---|---|---|
| O Banda Sant' Andrija, | Ibqa' żommna henjin, | O Banda Sant' Andrija, |
| Aħna miegħek magħqudin, | Bħalma dejjem int għamilt, | Aħna miegħek magħqudin, |
| L-ogħla waħda għal-Luqin, | Stima għandek ma' kulħadd, | Il-Banda li ġġib ismek, |
| Aħna bik kburin. | Il-poplu Luqi kburi bik. | Aħna bik kburin. |

U mill-versi ngħaddu għall-mużika. Hawn taħt għandkom issibu analiżi sħiħa tal-Innu tal-Banda, pinna ta' Mro. Antonio Miruzzi.




Forma: L-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija' jista' jingħadd mażżgħar nett tax-xorta tiegħu. Dan għaliex, fih biss erbgħa u għoxrin battuta, f'temp immarkat *maestoso*. Wieħed jinnota wkoll li, l-innu la fih introduzzjoni lanqas koda. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda sinjali ta' replika peress li għandek tliet strofi biss. Il-forma tiegħu hija ternarja u għaldaqstant, jista' jinqasam faċilment fi tliet partijiet daqsinsew ta' tmien battuti l-waħda. (Fl-istampa tal-ġenb hija riduzzjoni tal-ispartit tal-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija' li saret mill-awtur ta' dan l-artiklu.

| Taqsima | Battuti | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | | |
| A | $00^4$ - $08^3$ | Sentenza ta' tmien battuti |
| B | $08^4$ - $16^3$ | Sentenza ta' tmien battuti |
| $A^1$ | $16^4$ - $24^3$ | L-istess bħal Taqsima (A) |

Mit-tabella t'hawn fuq wieħed jinnota li, l-ewwel u t-tielet taqsima huma l-istess, filwaqt li, dik tan-nofs (B) toffri kuntrast ċkejken, anki jekk din tista' tittieħed bħala xejn aktar minn tkomplija tas-sentenza li tiġi qabilha. Id-differenza bejn (A) u ($A^1$) għalhekk, mhux qegħda fl-armonija, imma fil-mod ta' kif tintlibes il-melodija ewlenija, bil-qofol tal-innu jintlaħaq fit-tielet taqsima. Din it-tip ta' struttura tista' tkun waħda monotona, aktar u aktar meta l-innu li qedin nitkellmu fuqu ma jimmodulax bejn taqsima u oħra bħalma soltu jiġri meta jkun hemm xi passaġġ tan-nofs jew xi triju. Każ simili nsibuh fl-innu popolari 'O Del Cielo Regina'[6] mill-pinna ta' Miruzzi għas-Soċjetà Filarmonika 'Nicolò Isouard' tal-Mosta fejn għandek l-istess introduzzjoni għall-ewwel żewġ taqsimiet replikati. Is-surmast Mosti Ġanni Vella (1890-1955) kien qattagħha li, idaħħal interludju strumentali bejniethom biex proprju jikser din il-monotonija omofonika[7]. (Fl-istampa tal-ġenb jidher l-Innu tal-Banda S. Andrija fuq waħda mill-kopertini.)




Taqsima (A) ($00^4$ - $08^3$): Hija magħmula minn sentenza mużikali ta' tmien battuti u maqsuma f'żewġ frażijiet daqsinsew, u li t-tnejn jibdew *in aria*, jiġifieri fuq ir-raba' taħbita - dik li aħna nsibuha bħala l-parti debboli, jew dgħajfa. Jerġa', kull frażi hija suddiviża f'żewġ frażijiet żgħar ta' ġix battuti l-waħda, fejn it-tnejn għandhom il-melodija tielgħa jew nieżla aktarx b'mod gradat. Fi frażi (a) nsibu ċellola (x) magħmula minn erba' noti. L-aktar ħaġa li tispikka fiha hija s-semimina bil-punt. Din tkun

[6] L-Għaqda Karmelitana Banda 'Queen Victoria' taż-Żurrieq ukoll għandha dan l-innu fil-pussess tagħha u huwa magħruf bħala l-'Innu ż-żgħir' peress li għandhom l-Innu l-Kbir ta' Bartoli.

[7] Linja waħda ta' melodija bil-vuċijiet jew il-partijiet oħra jimxu magħha billi jagħmlu kordi li jservu ta' akkumpanjament.

segwita dejjem minn kroma. Wieħed jinnota wkoll li, hemm semiminima fuq kull naħa ta' dawn iż-żewġ noti. Hemm imbagħad ukoll, il-qabża ta' ottava sħiħa fit-tieni battuta bejn tmiem l-ewwel frażi (a) u l-bidu tat-tieni waħda (b). Barra minn hekk, fiż-żewġ suddiviżjonijiet insibu l-preżenza ta' diversi intervalli[8] fosthom, il-kwarta, il-kwinta, u l-ottava perfetta (eż. 1):

ez. 1




Iżda, fir-rigward tal-ewwel suddiviżjoni (b. $00^4$ – $02^3$) hemm punt interessanti ħafna fuqiex wieħed jitkellem għax kif ser naraw, dan l-Innu u dak nazzjonali jidher li għandhom aktar minn ħaġa waħda in komuni bejniethom. Qabelxejn, tajjeb wieħed ikun jaf li, skont ma għarrafni l-arkivista Bernard Cutajar permezz ta' email, hu kien jisma' lil Mro. Carmelo Caruana (1927 – 2005), kif ukoll anzjani oħra tal-każin jgħidu li, b'dan l-Innu, Mro. Miruzzi kien daħal għal kompetizzjoni għall-għażla ta' Innu għall-okkażjoni tal-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1921. Dan il-konkors kien sar fost l-aqwa kompożituri Maltin ta' dik l-epoka.[9] Iżda, għal xi raġuni jew oħra, l-ebda wieħed minnhom (jiġifieri, mill-innijiet sottomessi) ma kien intagħżel.[10] Skont Robert Mifsud Bonnici, ma' Mro. Miruzzi kien hemm talanqas żewġ surmastrijiet mustaċċuni oħra żgur li, imqanqlin mill-imħabba lejn pajjiżhom, daħlu għal dan il-konkors: Mro. Josie Mallia Pulvirenti (1896 – 1964) u Luigi Vella (1868 -1950). Skontu wkoll, il-konkorrenti kellhom jimmużikaw l-Innu Nazzjonali 'bil-versi tal-kbir Poeta Malti Dun Karm.'

Bla dubju ta' xejn, dan ir-riżultat kien qajjem ħafna mistoqsijiet li baqgħu qatt ma ġew imwieġba. Il-kittieb Ġużè Cardona, f'artiklu minn tiegħu li jġib l-isem ta' 'Diwi ta' l-Innu Malti …' li kien deher fil-ħarġa ta' 'Il-Malti', xtaq kieku jistaqsi lil Mifsud Bonnici biex jgħidlu jekk 'dan l-insuċċess kienx imħabba l-versi jew imħabba l-mużika.'[11] Ngħiduha kif inhi, minn daqstant kompożituri Maltin li daħlu għalih impossibli li ma kien hemm ħadd minnhom kapaċi biżżejjed biex jimmużika innu nazzjonali suret in-nies. Wieħed bla ma jrid jistaqsi wkoll, min kienu l-persuni responsabbli mill-għażla tal-Innu Malti. Iżda, biex nerġgħu għall-istorja ta' kif sar l-Innu Malti, ftit żmien wara li l-konkors kien baqa' bla riżultat, l-avukat Albert V. Laferla (1887 – 1943), li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Iskejjel Elementari tal-Gvern, irnexxielu jikseb melodija mingħand Mro. Robert Samut[12], u sab li kienet toqgħod tajjeb għal Innu Nazzjonali. Minn hawn 'il quddiem, inkiteb ħafna fuq kif imbagħad, il-poeta nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila, daħal fl-istorja.

Ġara x'ġara fl-istorja, mhix ħaġa kbira li, Mro. Miruzzi kien daħal għal dan il-konkors, għax kif jistqarr Joseph Mifusd Matrenza (1918-13), l-istorjografu ewlieni tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża, hu 'kien bniedem sensittiv għall-ġrajjiet soċjali u drammatiċi ta' żmienu bil-konsegwenza li, kienu

---

[8] Mod kif tkejjel id-distanza bejn nota u oħra. L-intervall jinħadem billi tgħodd il-gradi minn isfel għal fuq. Hemm żewġ tipi: sempliċi u komposti.

[9] Nimmaġina li, dan il-konkors kien tnieda f'xi żmien wara l-irvellijiet tas-*Sette Giugno* tal-1919 biex jindaqq uffiċjalment f'jum il-kisba tas-*Self Government* fl-1921. Madankollu, 'ma kentix ħaġa ħafifa li, jinħareġ innu minn mużiċista Malti u minn poeta Malti li jinterpreta s-sens tal-awtonomija u tas-sovranità ta' poplu, u wisq aktar tan-nazzjonalità.' (Oliver Friġġieri: L-istorja tal-Innu Malti – kif sar u xi jfisser, pġ. 14.)

[10] Robert Mifsud Bonnici: Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali maħruġ mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, Malta, 1960, pġ. 443.

[11] Għal din il-mistoqsija, Mifsud Bonnici forsi kellu din it-tweġiba fil-ktieb tiegħu 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u Tal-Lum' (Giovanni Muscat, 1951), pġ. 107-8: Għaliex ingħażel il-mottiv tal-Maġġur Tabib Robert Samut, dilettant tal-mużika bla ma sar konkors fost l-aħjar Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin hi għoqda li jekk niġu biex inħolluha nibżgħu li itar inrossuha.'

[12] Albert kien jiġi ħaten Robert peress li dan tal-aħħar kien miżżewġġ lil oħtu, Alice. Tul ħajtu kollha, it-tabib Robert Samut (1869 – 1934), li mbagħad aktar tard kien laħaq Logutenet Kurunell, minn dejjem kien miġbud lejn il-mużika u d-daqq tal-pjanu. Bħala mużiċist kien idoqq ukoll f'xi orkestra tad-dilettanti.

jinfluwenzawlu xogħlijietu.'[13] Wieħed ma jridx jinsa li, Mro. Miruzzi kien surmast tal-Banda Luqija bejn is-snin 1914 u 1922. Jista' jkun għalhekk li, hu ddeċieda li jirregala dan l-Innu lill-Banda Sant' Andrija wara li sar jaf li ma rebaħx il-konkors. Inzerti li, ftit taż-żmien wara, Mro. Miruzzi ddimetta minn surmast ta' din il-Banda meta kellu diġà dawk il-ħamsa u ħamsin sena.[14]

Imma fuq din il-biċċa ta' innu u mhux innu, hemm ħaġ' oħra tassew interessanti li nixtieq naqsam mal-qarrej. Hawn taħt qed inġib eżempju mużikali (eż. 3) li fih ħadt l-ewwel żewġ battuti mill-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija' (Miruzzi) u l-Innu Malti (Samut) rispettivament. Fil-każ tal-ewwel innu, dan jibda *in aria* filwaqt li, it-tieni wieħed jibda mill-ewwel fuq l-ewwel taħbita. Fil-każ tat-tieni innu wkoll, ittrasportajtu biex it-tnejn jiġu jaqraw fl-istess tonalità. Mad-daqqa t'għajn wieħed malajr josserva li, hemm xebh kbir bejniethom, speċjalment fejn tidħol l-armonija[15]. Jekk nieħdu l-ewwel battuta weħidha biss insibu li, fiż-żewġ każijiet, hemm akkordju kromatiku fir-raba' taħbita (eż. 2)

ez. 2



Dan għaliex, id-Do bemoll hija nota barranija u għaldaqstant, mhix qegħda fil-kjavi ta' Mi*b* maġġuri. Minħabba f'hekk, l-intervall ta' bejnha u l-Fa ta' tagħha jikkostitwixxi kwinta diminiwita. F'(a) Miruzzi jippreferi d-drammatiċità tal-akkordju tas-settima diminwita (Re – **Fa – La bemoll - Do bemoll**), filwaqt li, f'(b) Samut jagħżel li jħaddem it-trijade mibni fuq is-sotto-dominanti, imma bit-terza mniżżla b'nofs ton (**Fa – La bemoll – Do bemoll**). Minbarra hekk, insibu wkoll, l-użu tan-nota tonika bħala pedala biex minn fuqha jgħaddu akkordji differenti, li waqtiet jistgħu joffru wkoll xi forma ta' dissonanza (Eż. 3):

ez. 3



It-tieni nofs tal-ewwel sentenza mużikali (b. $04^4$ – $08^3$) hu wkoll suddiviż f'żewġ frażijiet iżgħar u tal-istess daqs. L-ewwel waħda tiftaħ bl-istess mod bħal f'b. $00^4$ – $02^3$, imma minflok tinżel, il-Mi bemoll titla' 'l fuq biex b'hekk twitti t-triq għall-grupp kadenzjali li fuqu tagħlaq l-ewwel taqsima.

Taqsima (B) ($08^4$ - $16^3$): Hi ffurmata minn sentenza mużikali oħra ta' tmien battuti u maqsuma fi frażijiet ċkejknin kif ġej: (ċ) ($08^4$ – $10^1$) + (d) ($10^2$ – $11^3$) + (e) ($12^4$ – $13^3$) + (f) ($13^4$ – $14^3$) + (ġ) ($14^4$ – $16^3$). Fit-taqsima tan-nofs wieħed jistenna li, f'xi ħin jew ieħor, il-mużika timmodula mqar lejn xi kjavi ġara biex tikser ftit mill-monotonija monokromatika. Iżda innu bħalm' hu dan hu qasir wisq biex dan iseħħ, u b'konsegwenza t'hekk, kollox jibqa' kif inhu bla biss l-iċken ħjiel ta' lewn ġdid. Huwa

[13] Dan seta' jikkonfermah Mifsud Matrenza stess peress li kellu bosta okkażjonijiet li fihom kien iħobb jitkellem mas-surmast 'dwar il-ħajja mużikali tiegħu.'

[14] Bħala Surmast, huwa żamm biss żewġ baned, il-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun, li kien ilu jidderiġieha sa mill-1899, u l-Banda 'Beland' taż-Żejtun li kien għadu kif ħa fl-1919.

[15] Biex wieħed ikun onest mal-istorja tal-Innu Malti, irid jingħad li, l-armonizzazzjoni tiegħu kienet saret minn Mro. Paul Nani (1906 -1986) fuq talba li saritlu mill-avukat Laferla peress li ħatnu Robert kien ipprovdieh biss bil-*motiv* tiegħu.

biss f’frażi (f) li niltaqgħu ma’ nota kromatika (Si bekwadra) li, b’mod qarrieqi, ittina x’nifhmu li, il-mużika sa’ fl-aħħar ser tmur u tirfes fil-kjavi relativa minuri. Iżda, minn dan kollu ma jiġri xejn għax din hi biss trijade bil-kwinta awmentata - tip t’akkordju mhux funzjonali li kien jintuża ta’ spiss fix-xogħlijiet ta’ kompożituri bħal mhu Beethoven u sħabu r-Romantiċisti.

(ċ) ($08^4$ – $10^1$) u (d) ($10^2$ – $11^3$): Dawn iż-żewġ frażijiet qosra jikkonstitwixxu l-ewwel nofs ta’ din is-sentenza mużikali. Fihom, il-melodija ddur fuqha nnifisha bħal fi spiral u allura toħloq moviment oblikwu li ma joffri l-ebda sens ta’ direzzjoni. Ukoll, it-tnejn jibdew u jispiċċaw bl-istess mod f’dawk li huma noti u l-valuri rispettivi tagħhom. Anki f’dik li hi armonija, it-tnejn huma msejsin fuq l-istess żewġ akkordji bażiċi (eż. 4):

ez. 4 


(e) ($12^4$ – $13^3$) u (f) ($13^4$ – $14^3$): Dawn iż-żewġ frażijiet mill-aktar qosra laqqajthom flimkien apposta peress li bejniethom jiffurmaw sekwenza magħmula minn żewġ ċelloli mużikali li għandhom l-istess linja melodika u l-istess disinn ritmiku. Id-differenza bejniethom qegħda biss fin-noti peress li, fit-tieni waħda t-ton tagħhom huwa ogħla. Wieħed jinnota wkoll, il-qabża t’ottava bejn l-aħħar nota ta’ (e) u l-ewwel nota ta’ (f), xi ħaġa li diġà ltqajna magħha f’battuta 2 (eż. 5):

ez. 5 


Imma forsi l-aktar ħaġa interessanti fihom huwa l-mod kif dawn ġew mibnija. Mro. Miruzzi hawn jaqbad l-ewwel erba’ noti tal-Innu (x) u jeqlibhom rashom ‘l isfel (y) biex b’hekk, minflok tielgħin issa jiġu neżlin. Iżda, biex din iċ-ċellola mużikali tibqa’ tingħaraf kien jeħtieġlu jżomm l-istess ordni f’dawk li huma valuri tan-noti (eż. 6):

ez. 6 


(ġ) ($14^4$ – $16^3$): L-aħħar frażi ta’ din is-sentenza għandha l-irwol importanti li ġġib taqsima (B) fi tmiemha u allura ma jistax jonqos li ma tinkludix xi grupp kadenzjali. Dan ikun magħmul minn serje t’akkordji li, meta tqiegħdhom wara xulxin jagħtu lis-semmiegħ x’jifhem li biċċa mużika (jew xi sezzjoni minnha) tkun waslet biex tagħlaq b’mod definit.

Taqsima ($A^1$) ($16^4$ - $24^3$ ): It-tielet u l-aħħar sentenza mużikali hi mibnija fuq l-istess melodija li kellna f’taqsima (A). Madankollu, hemm xi differenzi fil-mod kif inhuma orkestrati ż-żewġ taqsimiet. Ibda biex, f’dit-taqsima l-klarinetti primi jdoqqu l-melodija ottava fuq il-kurunetti primi, u magħhom jingħaqdu wkoll il-flawt u l-obwe. Min-naħa tagħhom, il-kurunetti sekondi jingħaqdu ma’ sħabhom il-primi fl-unisonu. Hawnhekk ukoll, jidħlu it-tliet trumbuni biex jissapportjaw lill-korni fl-esekuzzjoni tal-akkordji akkumpanjaturi peress li, il-mużika issa trid tindaqq bil-qawwi ħafna (*fortissimo*). U bħallikieku dan għadu mhux kollox, magħhom jingħaqdu wkoll ir-rollijiet fuq it-tanbur, it-tifqigħ tal-pjatti u l-kolpi tal-katuba.

Ħaġa li madankollu tispikka ħafna f’dit-taqsima hu l-mod kif tiġi akkumpanjata l-melodija li qed tindaqq mill-parti l-kbira tal-istrumenti, żgħar u kbar. Dan għaliex, minflok is-soltu kontro-melodija,

hawnhekk għandna tip t'akkumpanjament fejn l-ewfonji[16] u l-baxxi weħidhom jiproduċu serje ta' kromi stakkati li għandu mill-pass meqjus ta' suldati f'xi parata ċerimonjali. Bħala eżempju mill-aqwa f'moħħi jiġini mill-ewwel l-innu marċ trionfali *Gloria all' Egitto* mill-opra Aïda[17] ta' Giuseppe Verdi. Wieħed malajr jinnota hawnhekk li, il-melodija hija akkumpanjata bl-istess mod. Wieħed ma jridx jinsa li, bħal ħafna kompożituri oħra Maltin ta' żmien Miruzzi, l-influenza Taljana kienet tinħass qawwija ħafna fil-kompożizzjonijiet tagħhom, iktar u iktar fil-każ tiegħu peress li jingħad li studju l-mużika fl-Italja.[18] (eż. 7):

eż. 7




Ippermettuli hawnhekk, inġib eżempju ieħor simili, din id-darba ta' kompożitur Malti. Il-koda tal-*Innu Studenti Universitarji*[19] (1944) ta' Mro. Carmelo Pace (1906 – 1993) ukoll tagħmel użu minn din l-istrateġija ritmika biex tiddeskrivi lill-istudenti bħala 'suldati' li jridu jwettqu d-dmir qaddis billi jħarsu 'lill-Fidi u lill-Pajjiż' mill-għedewwa ta' pajjiżhom (eż. 8):

eż. 8




[16] Hija ħasra li, dan il-passaġġ hu baxx wisq għall-ewfonji biex ikunu effettivi.

[17] Din l-opra f'erba' atti fuq librett ta' Antonio Ghislanzoni, Verdi kien kitibha fl-1871 għall-inawgurazzjoni ta' teatru ġdid fil-Kajr, l-Eġittu. Sfortunatament, ma kienx laħaq lestieha fil-ħin! Il-famuż marċ trijonfali jiddeskrivi xena mill-aktar spettakolari li fiha naraw lil Radamès, il-kaptan tal-gwardja Eġizzjani, dieħel riekeb fuq karru biż-żwiemel flimkien mas-suldati tiegħu fil-belt ta' Tebe wara li kien għeleb lill-Etijopjani. Aïda tispiċċa ħażin fl-aħħar tal-opra peress li tindifen ħajja flimkien ma' Radamès, il-maħbub tagħha!

[18] Fi kliem Joseph Vella Bondin: 'Kompożituri bħal Crescimanno u Miruzzi jirrappreżentaw it-tradizzjoni Taljana fil-mużika bandistika, speċjalment fil-priorità mogħtija lill-melodija bħala l-għajn tal-lingwa mużikali.' ('Il-mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin', vol. 19, pġ. 204.)

[19] L-Innu għandu versi ta' Albert Maria Cassola (1915 – 1974).

Dejjem b'rabta ma' din it-taqsima, hawn taħt qed nislet battuti $16^4$ – $24^3$ tal-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija'[20] biex wieħed ikun jista jqabbel din is-silta maż-żewġ eżempji li jiena ġibt hawn fuq (eż. 9):

eż. 9




Għeluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Ħalluqin għal tliet raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant' Andrija li qed tiġi ċċelebrata ġewwa Ħal Luqa; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

Referenzi:

Friggieri Oliver: L-istorja tal-Innu Malti (kif sar u xi jfisser). Klabb Kotba Maltin 2014.
L-istorja tal-każini tal-baned f'Malta u Għawdex (Vol. 2). Europrint, Malta 1997.
Mifsud Bonnici Robert: Mużiċisti u Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-bieraħ u tal-lum. Giovanni Muscat, Malta 1951.
Mifsud Matrenza Joseph: Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' Ħamrun – 1889-1989.
Vella Bondin Joseph: Il-mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin. Pubblikazzjoni Pin, Malta 2000.
Zammit Raniero ofm.cap: Profili biografiċi ta' Slimiżi magħrufin u ta' xi oħrajn b'rabta ma' Tas-Sliema. Soċjetà Filamarmonika 'Sliema', 2003.

[20] Skont Mifsud Matrenza, wieħed mill-ħafna xogħlijiet ta' Miruzzi li nqerdu fl-aħħar Gwerra Dinjija kien proprju l-marcia eroica, 'Ħamrun Spartans'. Dan kien inkiteb għall-okkażjoni tat-tieni rebħa tat-tim Ħamruniż fil-kampjonat tal-aqwa diviżjoni tal-futbol Malti fl-istaġun 1917-18. Skontu wkoll, dan il-marċ 'erojku u patrijottiku' wkoll kien jixbah lill-marċ trionfali *Gloria all' Egitto* tal-opra *Aïda* ta' Verdi. Peress li, dan tal-aħħar ma ġiex f'idejna, wieħed ma jistax jara x'xebh hemm bejn iż-żewġ innijiet.